# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Novembru - Diċembru 1995 Nru. 87


## IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

# ERODI GĦADU JSALTAN

Hija ħaġa faċli li t-tlellix u l-għors tal-Milied jaħbi minn quddiem għajnejna Festa sabiħa oħra, festa li hija mimlija tifsir mill-aqwa: il-Festa ta' l-Innoċenti Martri. Dawn huma numru ta' tfal żgħar Lhud li fuqhom waqgħet is-sentenza tal-mewt, maħruġa minn Erodi kontra Ġesu'.

Dawn ġew maqtula sempliċement għaliex fosthom kien hemm il-Verb Etern.

Is-Sultan Erodi hu simbolu tal-biża tad-dinja pagana quddiem il-presenza ta' Dak li jġi fix-xejn is-Setgħana, bħala dawl li juri l-qawwa vera tiegħu, mżejjen mill-Verita' li tisfida ż-żmien u twassal għall-Beatitudni Eterna.

L-Istraġi ta' l-Innoċenti ma tikkostitwix episodju iżolat fil-ħajja ta' l-umanita', għaliex l-istorja, illum ukoll, tiproponi eżempi oħra. U hawn mhux qed nirreferi biss għall-istraġi li saru u qed isiru bl-iskuża tat-tindif etniku jew inkella l-qtil ta' tfal li jkunu għadhom kif twieldu, ħalli b'hekk, ikunu jista' jiġi kkontrollat l-iżvilupp demografiku.

Biss hemm xi għażliet soċjali li forsi ma għandniex il-kuraġġ insejħulhom straġi, iżda fir-realta' huma straġi fil-veru sens tal-kelma, għaliex jilħqu numru enormi meta tara dak li qed jiġri f'kull parti tad-dinja. Hawnhekk jiġu quddiem għajnejna l-Abort u l-Ewtanasja.

Bħalma għamel Erodi żmien lu, hekk ukoll il-bniedem ta' llum għadu joqtol: u dejjem minħabba l-biża. Il-bniedem jibża' li jiġi mfixxkel minn Kristu, li jara s-saltna propja tiegħu kompromessa minn Kristu, jibża' li jara dak kollu li jkun bena bil-gosti u l-fehmiet tiegħu, b'ġid misruq minn fuq ħutu l-bnedmin, jiġgarraf biċċiet, minħabba Kristu.

F'kull tarbija li ser titwieled, u allura li aktar 'il quddiem ser titlob ikel, kura, imħabba; f'kull marid terminali li għandu bżonn ta' kollox; fl-anzjan li ma jipproduċi xejn; fil-persuna li ssofri minn diżabilita' li tkon skomdu soċjali; fil-marid mentalment li joħloq problema, hemm Kristu li jitlob, li qed jistenna s-sammaritan mimli ħniena; iżda hemm ukoll Kristu li jikkundanna jekk ma jsibx lil min jilqgħu, lil min jgħinu.

Hu stess qalilna fil-Vanġelu: *"Kont bil-ġuħ, kont bil-għatx, kont barrani, għarwien, marid u intom ma tajtunix niekol, nixrob; intom ma lqajtunix, ma libbistunix: għax kull darba li ma għamiltux dan ma' wieħed minn ħuti l-iżjed ċkejknin, ma tkunux għamiltuh miegħi. Itilqu l-bogħod minni!"* (Cfr. Matt.25,36)

Allura x'qed jiġri? Biex ma jaħbatx difru ma' Kristu, li qed jitolbu xi ħaġa, il-bniedem joqtol lill-bnedmin li jġorr fih l-immaġini ta' Kristu, u li hu msejjaħ minnu biex jaqsam miegħu l-ħajja ta' l-imħabba.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li qed iseħħu straġi mdemma u straġi bla tixrid ta' demm. Ta' l-ewwel, tip dawk li semmejt iktar 'il fuq, jiġu faċilment ikkundannati, anke peress li ma jirrigwardawx il-ħafna. Hemm imbagħad l-istraġi bla tixrid ta' demm, dawk li jemarġinaw lil

*ikompli fpaġna 2*

**Il-Milied u s-Sena t-Tajba**

IL-BELT
VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Ufficcju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Ghawdex.
Tel: 55 63 77

# Editorjal

## IL-KAMPNAR

Wara ħafna taħbit, li meta kien isir kien hemm min ħaseb li ma kien qed isir xejn biex il-kampnar tal-Bażilika tagħna jitlesta, u sakemm qed niktbu, jonqos biss ftit xogħol tal-bajjad biex wieħed mill-kampnari tal-Bażilika jkun lest minn kollox. Ma kenitx biċċa xogħol ħafifa! Me kienx hemm problema waħda biss! Min refa' fuq spallejh ir-responsabilta' ta' dan il-proġett kbir jaf kemm kienet biċċa xogħol kbira u kemm kienet meħtieġa.

Diffiċli telenka n-nies kollha li kellhom sehem biex din il-biċċa xogħol issir, u ssir sewwa. Minn dawn il-kolonni ngħidu grazzi lill-kulħadd. Imma jidhrilna li grazzi kbir għandu jmur ukoll lil dawk li fehemu x'kien qed isir u kemm hi kbira l-ispiża għax offrew lill-parroċċa d-donazzjoni tagħhom. J'Alla, issa li kollox lest, ikun hemm oħrajn li jikkontrinwixxu biex il-piz kbir jithaffef ftit. Żgur li dan l-appell jintlaqa' u dawk li baqgħu lura milli joffru xi ħaġa għall-ispejjjeż kbar li saru u jkunu ġenerużi fl-għajnuna tagħhom.

## MILIED KUMMERĊJALIŻŻAT

Naħseb li taqblu magħna li m'hawnx festa oħra fil-kalendarju li toħloq kummerċ daqs il-festa tal-Milied. Sa minn xahrejn jew iktar qabel in-nies tan-negozju jibdew il-kampanja tagħhom biex kulħadd jixtri u jixtri, kultant xiri bla bżonn u ħela ta' flus.

Mill-faqar ta' l-għar ta' Betlem, mill-messaġġ ta' paċi u sliem li riedet twasslilna t-Tarbija Divina s-soċjeta' moderna għamlet festa ta' negozju bla rażan. Aktar ma jgħaddi ż-żmien iktar jiżdied il-mod kif kif jista' jonfoq flusu. Iżda ma żdiedux biss ir-rigali u t-tiżjin kultant esaġerat, imma daħlu fostna drawwiet ġodda li qed ibiddlu żmien il-Milied fi żmien ta' tbaħrid bla kontrol li qed iwassal biex inessi l-veru spirtu ta' din il-festa għażiża.

Ghandna bżonn nieqfu naħsbu ftit fejn sejrin! Ghandna bżonn ftit hin ta' riflessjoni fuq għemilna! Ghandna bżonn nerġgħu nibdew naghtu tifsira tassew nisranija lill-festa tal-Milied. Dan hu li nixtiequ aħna f'dan iż-żmien u ma dawn ix-xewqat tagħna nwasslu lill-qarrejja kollha l-awguri tagħna għall-MIlied qaddis u sena ġdida mimlija ferħ u hena fil-Mulej.

*jaqbad mill-paġna ta` quddiem*

## IL-KELMA TA' L-ARCIPRIET

## ERODI GHADU JSALTAN

min ifixkilhom, li joħonqu lil min jikkompeti magħhom, li jwaqqgħu għaċ-ċajt lil min hu dgħajjef, li ma jilqgħux lill-sħabhom minħabba r-razza, karattru; li jwasslu sal-mewt ċivili, psikoloġika ta' ħafna.

Din hi l-istraġi li sseħħ sistematikament u bla ebda ħniena fis-soċjeta moderna li qed tiġi regolata mill-egoiżmu; u lkoll kemm aħna, min ftit u min ħafna, nagħmlu parti minn din is-soċjeta' u fiha nilgħabu l-parti tagħna.

Il-Milied, bħala festa liturġika, hu mument ta' grazzja, li fih jiġġedded sistematikament il-misteru ta' l-Imħabba mhux maħluqa, li tinkarna biex tkun in-nifs tal-ħajja ta' l-umanita' li d-dnub xekkilha biex ma tħobbx.

Il-Bieraħ, Hu ħa l-ġisem fil-Verġni Marija, illum jinkarna f'kull wieħed u waħda minna li jilqgħu, iżda jrid li aħna nagħrfuh ukoll fit-tallaba kollha li jitolbuna l-għajnuna u l-imħabba.

Il-Milied hu mument ta' grazzja li jdawwal id-dinja kollha, ghaliex kullimkien, anke fis-soċjeta pagana, tinħass l-atmosfera għal kollox differenti minn dik tas-soltu.

Jiġu miftieħma l-waqfien mill-ġlied, jiskot it-twerdin ta' l-armi, s-solidarjeta' mal-foqra tieħu diversi forom ta' inizjattiva, f'kulħadd tinbet ix-xewqa li jwassal tbissima fuq l-uċuħ ta' min qed isofri: dan hu sinjal li l-Bambin Divin twieled u li l-kewkba tiegħu kollha dija poġġiet fuq għar mudlam tad-dinja ta' llum.

Ejjew nifirħu b'dan it-twelid. b'dan l-għerq ta' Ġesse li ħareġ ir-rimja tiegħu, iżda ejjew niddefenduh mill-ħafna Erodijiet li jridu joqtluh fina u madwarna. L-arma li għandna biex niddefenduh hi l-istess waħda li Ġesu' Kristu nnifsu uża biex isalva lill-bnedmin mill-mewt: l-Imħabba. Din għandha tkun imħabba ġeneruża, propju imħabba ta' min kapaċi jagħraf bħala ħuh kull bniedem li miegħu jiltaqa', għax ikun ħalla lill-Bambin Ġesu', lil Kristu, ħuna universali jitwieled ġewwa qalbna.

Il-biża' ta' Erodi u ta' dawk kollha li jeliminaw lil min hu "skomdu" għalihom, tinsab filli jkollhom jiċċaħħdu minn xi ħaġa u tinsab ukoll filli jkollhom jagħtu lil Alla dik l-imħabba li Hu jitlob minnhom.

Nagħtu l-imħabba! Dan hu l-messaġġ tal-Milied, li ħafna bnedmin, minkejja li jgħidu li jridu jiffesteġġjaw din il-ġrajja, fil-fatt ma jilqgħuhx; jibqgħu magħluqa fl-egoiżmu tagħhom filwaqt li jaħlu l-karita' tal-okkazzjoni f'forma ta' gost personali.

L-imħabba li jissuġġerixxi l-Milied trid tkun ġeneruża, trid twassal għall-kuraġġ li tħejji lill-bniedem għal-għotja kbira, totali. B'hekk biss inkunu qed niċċelebraw il-Veru Milied.

Il-Milied hu l-kuraġġ li l-fidi tissuġġerixxi, li t-tama tħajjar u li l-imħabba tagħti.

Dan hu l-Awgurju tiegħi għal dan il-Milied: J'Alla ilkoll kemm aħna nkunu kapaċi nkabbru fina dan il-messaġġ.

*L-Arcipriet*

# "CHORUS URBANUS"

## Għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu

Meta jasal żmien il-Milied u, sewwa sew, fil-Lejl Qaddis, wieħed mill-ewwel jiftakar fit-twaqqif ta' l-ewwel kor li qatt kellha l-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ. Proprju f'dak il-Lejl ta' għoxrin sena ilu ġie mwaqqaf il-Kor u ngħata l-isem ta' "CHORUS URBANUS". Il-Kor kien kompost prinċipalment minn tfajliet u ftit irġiel u f'dik l-okkażżjoni iżżanżnet ukoll l-ewwel uniformi.

L-għan ewlieni li għaliuh twaqqaf il-Kor kien li bil-kant tiegħu jżejjen u jkabbar il-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-Bażilika. Huwa ċert li f'dik il-lejla, l-ewwel okkażżjoni prinċipali tiegħu, l-ambizzjonijiet tad-diriġenti ma kienux tant kbar. Iżda mal-medda ta' dawn l-għoxrin sena, il-Kor kiber fil-popolarita' u fir-repertorju tiegħu, issaħħaħ u sar aktar elaborat kemm fit-teknika kif ukoll fl-għażla tax-xogħolijiet mużikali li jippreżenta u stabilixxa ruħu bħala wieħed mill-aħjar korijiet tal- gżira.

F'dik il-lejla ta' għoxrin sena ilu kien sar diskors qasir ta' introduzzjoni mid-Direttur tal-Kor Dun Ġużepp Gauci. Il-parruċċani laqgħuh bil-ferħa għaliex l-assenza tal-Kor fil-Parroċċa kienet ilha tinħass. Bosta żgħażagħ, nisa u rġiel ingħaqdu miegħu u taw is-sehem tagħhom għal xi żmien. Fl-ewwel snin tal-ħajja tiegħu l-Kor kien immexxi minn Dun Ġużepp Gauci. Dan is-saċerdot kellu għajnuna kbira mis-Sur Joseph Bezzina, l-organista tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li ħa l-inkarigu ta' organista tal-Kor ukoll. Il-kunċerti u t-tħejjija kienet afdata f'idejh. Bezzina saħansitra kkompona bosta xogħolijiet li kienu u għadhom jiġu nterpretati mill-Kor. is-sehem ta' Joseph Bezzina fil-Kor għadu jinħass tant li minn żmien għal żmien jiġi mgħajjat biex imexxi hu wkoll.

Bosta kienu s-servizzi li wettaq dan il-Kor fil-Bażilika tagħna, servizzi ta' natura komuni, kif ukoll speċjali. Tista' tgħid li f'kull okkażżjoni jsemma' leħnu bħalma ngħidu aħna waqt Pontifikalii, Konċelebrazzjonijiet, festi u okkażżjonijiet li minn żmien għall-ieħor jimbtu u jsiru fil-Parroċċa tagħna. Ta' min isemmi l-parteċipazzjoni tal-Kor waqt akkademji, waqt żjajjar ta' nies prominenti bħal Isqfijiet, Kardinali, okkażżjonijiet speċjali, quddies ta' saċerdoti novelli u festivals ta' Korijiet li saru fil-Bażilika tagħna. Ta' min isemmi l-Kunċert ta' Mużika Sagra li ta fil-Bażilika fl-okkażżjoni tal-Ġimgħa Imqaddsa ta' din is-sena (10.04.95) meta ngħaqdu miegħu solisti Għawdxin flimkien mat-Tenur Ġappuniż Tsutomu Omae u l-Mezzo Sopran Eva Krammer. F'din l-okkażżjoni l-Kor, barra xogħolijiet oħra, interpreta parti kbira minn Stabat Mater ta' G. Rossini.

Il-Kor twieled u trabba fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Iżda l-leħen tiegħu ma kienx kostrett għal ġol-ħitan ta' din il-knisja biss. Insibu li sa' mill-bidu nett beda' jsemma' leħnu barra, kemm fi knejjes u postijiet oħra f'Għawdex kif ukoll f'Malta. Proprju fl-ewwel xhur tal-ħajja tiegħu nsibuh li ġa qasam għall-Malta u kanta fil-Parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, f'Birkirkara. Minn dak in-nhar 'il hawn il-Kor kanta f'bosta knejjes u postijiet u f'okkażżjonijiet diversi fosthom fit-Teatru Manoel tal-Belt Valletta fejn kien il-Kor waqt "concert version" ta' l-Opra "Cosi' Fan Tutti" (12.06.91) F'din l-okkażżjoni l-Kor kien akkumpanjat mill-Orkestra tat-Teatru Manoel taħt it-tnexxija ta' Mro. John Galea. F'din l-okkażżjoni ħadet sehem ukoll is-Sopran Yvonne Galea u l-Baxx Noel Galea, li huma membri tal-Kor, flimkien ma' solisti Maltin. Repeat performance ta' din saret fil-beraħ f'Tas-Sliema fl-14 ta' Ġunju 1991.

F'Awissu tas-sena 1991 u proprju fit-23 u 25 ta' dan ix-xahar, għal darba oħra kien il-Kor ta' l-Opra "Don Giovanni" li saret fil-beraħ fil-Pjazza tal-Kattidral fl-Imdina. Mexxa din l-Opra Mro. Ottavio Terreni. Żewġ kunċerti oħra li ta dan il-Kor f'Malta huma bla dubju ta' xejn dak li ta lill-E.T. Dr. Ċensu Tabone, President ta' Malta fil-Palazz Verdala (19.08.93) u l-ieħor li ta fil-Każin Malti, f'serata organizzata mill-Malta Cultural Institute (21.06.93).

Il-Kor halla wkoll ix-xtut ta' pajjiżna u f'żewġ okkażżjonijiet ta kunċerti ta' kant f'postijiet differenti. L-ewwel safra kienet fis-sena 1977 meta ngħaqad mal-Banda La Stella f'mawra fl-Italja. Il-Kor kanta fid-Duomo ta' Milan fl-okkażżjoni tal-400 sena tal-Konsagrazzjoni ta' dak it-tempju (13.08.77) u fl-Arċibażilika tal-Lateran waqt Quddiesa Konventwali ta' nhar Santa Marija (15.08.77). Fiż-żewġ okkażżjonijiet issieħbet mal-Kor is-Sopran Mary Galea, li wara saret membru regulari tal-Kor.

Iżda l-isbaħ paġna fl-istorja tiegħu kitbitha fis-sena 1990, fix-xahar ta'Awissu meta l-Kor telaq għal żjara ta' Kant fl-Italja. F'din l-okkażżjoni kanta fil-Bażilika Rumana ta' San Lorenzo in Damaso (05.08.90), fil-Bażilika ta' San Pietru nhar il-Festa tas-Salvatur (06.08.90) u fis-Sala Nervi (08.08.90) fejn kanta għall-Q. T. l-Papa Ġwanni Pawlu II. F'din l-okkażżjoni l-Papa aċċenna għaż-żjara tiegħu f'Għawdex li kien għamel fix-xahar ta' Mejju. Waqt id-diskors tiegħu bl-Ingliż, il-Papa indirizza lill-Kor b'dawn il-Kelmiet: *" My greetings and thanks go to the Chorus Urbanus, from Gozo in Malta. You have helped us to lift our hearts and mind to God with your joyful singing".* Wara l-Papa tkellem mal-membri kollha tal-Kor u ħa ritratt ta' l-okkażżjoni. Il-Kor ippreżenta pittura kopja tal-Madonna magħrufa bħala "Ta' Mejju", li tinsab fil-Bażilika. Il-Pittura mogħtija lill-Papa kienet xogħol tas-Sur Austin Camilleri, membru tal-Kor.

*ikompli f'paġna 6*



*Il-Chorus Urbanus fis-Sala Nervi f'Ruma wara li kanta għall-Papa (8-8-90). Tidher il-pittura ta' Austin Camilleri li ġiet ippreżentata lill-Q.T.*



# Betlem u l-Milied

*minn* **Mons. Lawrenz Sciberras**

Dawn huma żewġ kelmiet intrinsikament imlaqqmin u marbutin ma' xulxin: żewġ kelmiet li ħadd u xejn ma jista' jifridhom, avolja jgħaddu s-snin. Żewġ kelmiet li magħhom hemm marbuta ġrajjiet divini: Żewġ kelmiet li jnisslu ferħ kbir u qaddis speċjalment matul jiem ix-xahar ta' Diċembru. U għaliex? Għaliex kien f'Betlem li twieled il-Bambin: kien f'Betlem li l-anġli kantaw sliem fl-art; kien f'Betlem li sar l-ewwel presepju ħaj u divin.

Il-ħsebijiet ta' Alla ma humiex dawk tal-bnedmin (Iż. 55,8). Kien hemm bosta bliet u rħula fejn seta' jitwieled il-Messija. Imma l-Providenza riedet li dan isir f'Betlem, raħal żgħir li jmiss mad-deżert niexef u ħawli tal-Ġudea. Lis-Sultan tas-Slaten jixraqlu u għandu jitwieled ġo xi belt u ġo xi palazz u mhux ġo maxtura.

### ✩ SAMWEL U NATAN

Ir-raħal ta' Betlem għandu marbutin miegħu żewġ ġrajjiet importanti fl-istorja tas-Salvazzjoni. L-ewwel id-dilka biż-żejt ta' David minn Samwel, u t-tieni l-profezija ta' Natan. David, iben Ġesse, kien minn Betlem, u hemm Samwel ikkonsagra lil David bħala sultan futur ta' Iżrael.(1 Sam. 16)

Fit-tieni ġrajja hemm Natan. Dan ħabbar lil David li "Hu jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħaħ it-tron tiegħu għal dejjem. Jiena nkun għalih missier u hu jkun għalija iben" (2 Sam. 7). Immela, minn din il-profezija naraw li saret wegħda lil David li mir-razza tiegħu jitwieled sultan speċjali.

Wasal iż-żmien u Alla bagħat lil Gabriel Nażaret għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi. Gabriel qalilha: " Il-Mulej jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb" (Lq. 1, 32). Immela, kliem il-Profeta Natan seħħ fi twelid Kristu.

### ✩ MIKEA u IŻAIJA

Marbutin sħiħ maż-żewġ ġrajjiet li semmejna, hemm ukoll il-Profezija ta' Mikea. Din ukoll tħabbar il-post fejn kellu jitwieled il-Messija: "U int Betlem, art ta' Efrata, le, m'intix l-iżgħar fost il-qbejjel ta' Ġuda, minnek joħroġli wieħed li jkun fuq "Iżrael". Din il-profezija saret madwar 750 sena qabel Kristu.

Ma' din il-profezija ta' Mikea ta' min isemmi ż-żewġ profeziji l-oħra: it-tnejn ta' Izaija. dawn ukoll ikomplu jiċċaraw ir-rabta sħiħa li hemm bejn l-Emanweli, Betlem u David. "Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, u timbet rimja minn għeruqha" (Iż.11,1) Kif ukoll: "U jiġri f'dak il-jum, li l-għerq ta' Ġesse jitwaqqaf bħala sinjal lill-popli". (Iż. 11,10)

F'dawn iż-żewġ profeziji ta' min jinnota li Iżaija isemmi lill-missier David li huwa Ġesse u li kien minn Betlem. Dan għalhekk ikompli jsaħħaħ il-għala Kristu twieled f'Betlem, il-belt tas-sultan David.

### ✩ NAŻARET u BETLEM

Meta wasal iż-żmien tant mixtieq u mistenni li Marija teħles, Alla, fil-providenza tiegħu nqeda biċ-ċensiment ta' Qirinu. L-amar taċ-ċensiment kien wieħed preċiż: Kulħadd kellu jmur jinkiteb fil-belt tiegħu (Lq. 2, 3b). Issa Ġużeppi, il-kap tal-familja kien ġej mir-razza u mill-familja ta' David. Is-Sultan David, kif diġa rajna, kien minn Betlem. Mela Ġużeppi u martu Marija minn Nażaret kellhom jitilqu lejn Betlem.

Il-familja tagħna waslet Betlem, u Marija kien għalqilha ż-żmien biex tiled il-Ġesu' Bambin. Wisa għalihom għand in-nies ma' kienx hemm, sakemm Ġużeppi sab għar, post fejn il-vjaġġaturi jgħaddu xi lejl hemm. Immela Ġesu' twieled f'post li ma kien ta' ħadd, u fl-istess ħin ta' kulħadd. Hekk jaf jaħdem Alla tagħna. Fil-ħemda tal-lejl, il-bogħod mill-istorbju u l-għagħa tad-dinja, qalb post waħdu fl-għelieqi, Marija tat lid-dinja l-Emmanweli, Alla magħna. Dan huwa l-Milied.

### ✩ U LLUM?

Kull min ikollu x-xorti li imur Betlem, u jinżel fil-għar qaddis iħoss ċertu ferħ li mhux faċli tiddeskrivih u tiktbu fuq il-karti. Hemm tinżel ġo għar, u filwaqt li tmil fuq irkobbtejk, tbuss l-istilla li timmarka l-post fejn TWIELED ĠESU' BAMBIN. F'dak il-waqt tistħajjel li qed tisma' l-biki tat-tarbija divina; tistħajjel li qed tara lil Marija tross ma' sidirha u mitlufa f'ġenn ta' mħabba tbus lil binha Ġesu'; tistħajjel li qed tara lil San Ġużepp iħares u bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh irodd ħajr 'l Alla għal dak kollu li għajnejh qiegħdin jaraw; tistħajjel lir-rgħajja Bet Saħur ġejjin lejn il-Għar qaddis għax hekk kien ħabbrilhom l-anġlu; tistħajjel elf ħaġa oħra. U tasal biex tgħid: Imma jiena qiegħed f'Betlem, fil-Għar Qaddis!?

U int hemm ġew tkun wieħed fost tant miljuni ta' nies li kellhom ix-xorti jaslu sa' Betlem. Għalhekk jiena ġhidt li bejn Betlem u l-Milied ma hemmx firda, imma għaqda, ferħ u sliem. J'Alla ferħ u sliem il-Milied ikunu tassew f'qalbek ukoll.

***INT UKOLL TISTA' ŻŻUR IL-BETLEM U POSTIJIET OĦRA QADDISA TA' L-ART IMQADDSA***

**jekk tieħu sehem fil-pellegrinaġġ li l-Parroċċa tagħna ta' San Ġorġ ser torganizza għall-bidu ta' Ġunju li ġej.**

*• Iktar tagħrif mill-Uffiċċju Parrokkjali •*

## SALVATOR MUNDI

Imwieled għan-nifs sħun ta' baqra u ħmara
fil-faqar ta' belt ċkejkna fil-Lhudija
f'maxtura qalb it-tiben, qalb is-sħana
imħaddan ma' qalb 'l Omm tiegħu Marija.

U niżlu mis-smewwiet l-anġli ferħana
biex jagħtu qima u ġieh lis-Sultan tagħhom
biex jgħannu "Glorja 'l Alla..." lkoll ħerqana
sa ma fl-aħħar issieħbu r-rgħajja magħhom.

Għax f'dan il-jum is-Sema u l-art jifirħu
għax twieled is-Sultan Ħellies - Messija
is-sliem u l-hena ma' kullimkien jimirħu
biex ixandru l-aħbar tant mistennija.

Illum ukoll infakkru l-akbar ġrajja
li permezz tagħha lkoll ġejna mifdija.

*Geoffrey Attard*
15 t'Ott. 1995

## KXIF TA' MONUMENT U LAPIDA B'TIFKIRA TA' L-ARĊIPRIET ALFONS M. HILI

**Fuq inizjattiva tal-Ladies Society ser jiġi mwaqqaf fil-Bażilika ta' San Ġorġ, monument, li jikkonsisti b'bust tal-bronż fuq bażi ta' l-irħam biex jibqa' jiġi mfakkar l-Arċipriet Mons. Alfons Marija Hili, Benefattur kbir tal-Parroċċa, kif ukoll Lapida ta' Tifkira mad-Dar ta' fejn kien jgħix l-Arċipriet Hili, mħallsa minn benefattur. Dettalji tal-Programm jingħataw iktar 'il quddiem.**

## ĠITA TA' ĠIMGĦA FL-ITALJA

*Inżuru:*

RUMA, ASSISI, TIVOLI, CASTELLI ROMANI
u postijiet oħra ta' interess

***Min hu nteressat jkellem lill-Arċipriet***
***Dati u dettalji 'l quddiem***

## MILL-QASAM TA' L-ARTI F'SAN ĠORĠ (5)

*kitba tal-***Kan. Dun Nikol Vella Apap**

### Il-Pittur Għawdxi

# MIKIEL BUSUTTIL

*(1758 - 1828)*

Il-Pittur Għawdxi, Mikiel Busuttil meta kien għadu żgħir, wera xejra lejn id-disinn. kien studja l-pittura taħt l-Pittur Malti (1725-1805)

Wara, Mikiel kien mar jistudja Ruma taħt artisti kbar. F'Ruma studja taħt it-tmexxija tal-Kav. Mariano Rossi, persuna li kemm f'Ruma kif ukoll f'postijiet oħra kien igawdi fama ta' pittur kbir. Il-Profs. Rossi lil Mikiel Busuttil tant mexxieh 'il quddiem, li wasslu sabiex jikseb karriera brillanti. F'konkors annwali ta' l-Akkademja ta' San Luqa, Mikiel Busuttil kien ħa l-ewwel premju.

F'Għawdex, Mikiel Busuttil kien pitter il-Kwadru titulari tal-kattidral. Il-kommissjoni ta' dan il-Kwadri (illum inkurunat), ġiet mogħtija fi żmien l-Arċipriet Franġisk Saverju Cassar (1773-1805) u mħallas mill-Kan. Penitenzier Dr. Benedetto Stellini, tant li tidher l-arma tiegħu in-naħa t'isfel tal-kwadru. Ta' Mikiel Busuttil huma ukoll iż-żewġ kwadri laterali tal-Kor ta' l-istess Knisja Kattidrali. Dawn juru l-Konċepiment tal-Madonna u t-Twelid tal-Madonna. Dan l-istess artist pitter ukoll għal din l-istess Knisja il-Kwadru tal-Ħarba fl-Eġittu ta' San Ġużepp. Dan il-kwadru huwa kopja ta' dak li pitter il-Pittur Zampieri (Domenichino) li llum jinsab fil-Mużew ta' Londra. Dan il-Kwadru, qabel kien tal-Patrijiet Dumnikani tal-Belt Valletta.

Il-Kwadru tal-Ħarba fl-Eġittu ta' San Ġużepp kien ġie mogħti minn iben Busuttil, Luigi u martu Emilia nee' Cassar Gioioso, bil-patt li l-Kapitlu tal-Knisja kattedrali jieħu sehem fil-funeral tal-mewt tagħhom.

B'xorti tajba, l-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ għandha wkoll biċċa xogħol sabiħa tal-pittur Mikiel Busuttil. Dan huwa ic-"cielo" tat-tużell ta' kuljum li kien jintrema' fuq l-artal maġġur. Illum din il-pittura tinsab fl-Awla Kapitulari ta' l-istess Bażilika. F'din il-pittura kbira nsibu s-sena li fiha tpitter: 1813. Il-Pittura turi lill-Missier Etern imtajjar b'erba' anġli fuq s-sħab bi strixxa f'idejhom, bil-kelmiet bil-Latin *"Hic Est Filius Meus Dilectus in Quo Mihi Bene Complacuit" - "Dan Huwa Ibni l-Maħbub li fih Insib il-Għaxqa Tiegħi". (S.Mat. 17,5)*

F'Malta l-Pittur Mikiel Busuttil pitter kwadri li jinsabu fil-Kappella tas-Sagrament, fil-Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Belt Vittoriosa (Birgu). Ġew imħallsa mis-sinjura Elizabetta Dorell. Xogħol ieħor ta' Mikiel Busuttil hija l-Assunzjoni tal-Madonna li tinsab fil-Knisja imsejħa "ta' Duna" f'Ħal-Lija.

Il-Gvern, meta għaraf il-ħila tal-pittur Għawdxi Mikiel Busuttil għażlu bħala surmast tad-disinn fl-Universita' fejn għgħallem ukoll in-"Nudo". Li kieku l-viżta ta' għajnejh ma naqsitlux kien ikollna iktar xogħolijiet minn tiegħu.

Tnejn minn uliedu, Salvu u Klement, huma wkoll pitturi. Ta' l-ewwel pitter il-kwadru titulari ta' Kerċem (illum ukoll inkurunat), l-ieħor pitter il-kwadru titulari tal-Knisja l-Qadima ta' Għajnsielem.

Il-familja tal-pittur M. Busuttil kompliet tkabbar il-ġieħ ta' Għawdex fil-qasam ta' l-Arti.

***Referenzi:***

Kan. Dun NikolVella Apap: Kitbiet Storiċi Fuq Għawdex Ms. Vol.2



# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,

Għaddiet sena oħra u l-Milied reġa magħna. għandi niħem li s'issa bdejtu taħsbu għall-presepju u tiżjin ieħor, bħalma hu s-siġra tal-Milied. U forsi bdejtu taħsbu x'rigali ser tixtru lill-ġenituri tagħkom, lil Ħbiebkom u lil ħutkom. Xi wħud minnkom tibagħtu wkoll il-kartolini tal-Milied lill-ħbieb u forsi wkoll lill-għalliema tagħkom. Xi subien fostkom se jagħmlu l-Priedka fil-Quddiesa ta' nofs-il-lejl u għaldaqstant bħalissa jinsabu għaddejjin jistudjaw il-versi ta' din il-priedka.

Min jaf kemm hemm tfal li qegħdin jippjanaw u jgħoddu kemm il-party ser jattendu u kemm rigali ser jaqilgħu. Biss, tfal, ma rridux ninsew li rridu nkunu aħna li jeħtieġ inferrħu tfal oħra li huma inqas ixxurtjati minna. Tgħiduli, kif se inferrħu lil dawn it-tfal? M'għandniex xi ngħidu, billi nagħtuhom xi ġugarell minn dawk il-ħafna li nirċievu aħna. Forsi jkun hemm minnkom li jagħtu xi flus minn dawk li jkunu ġemmgħu fil-karus matul is-sena. Intom tafu li matul dawn il-ġranet sbieħ u qaddisa tal-Milied, isir ħafna ġbir għal dawn it-tfal. U intom tridu tkunu minn ta' quddiem biex iddaħħlu idkom fil-but u tagħtul-offerta tagħkom.

Tfal, semmejna l-parties u l-ġugarelli. Oqgħodu attenti ħafna biex fil-Milied ma timlewx qalbkom biss b'dawn l-affarijiet. Hemm ħafna affarijiet sbieħ, naf, u jridu jkunu. Imma mhumiex biżżejjed. Biex qalbna tkun tabilħaqq ferħana, irridu nimlewha wkoll b'affarijiet spiritwali. U hawn tiġini f'moħħi, l-ewwel u qabel kollox, in-Novena li ta'kull sena issir għalikom fil-Parroċċa tagħna. Qisu li tattendu għaliha bi ħġarkom, u tattendu mhux sempliċement biex tieħu xi rigal minn dawk li jtellgħulna, imma biex titgħallem dejjem iżjed dwar Ġesu' Bambin u l-imħabba kbira li għandu għalina. Irridu naraw x'nagħmlu biex qalbna tkun dejjem mimlija bi Kristu, l-aktar f'dan iż-żmien meraviljuż tas-sena. Għax inkella l-parties u l-ġugarelli ma jkunu jiswewlna għal xejn. Isimgħu din:

Sinjur kbir li kien jgħix ħajja bla rażan mar fejn pittur u ordnalu pittura tal-Milied għas-Salott tal-villa tiegħu, peress li dak il-post kien imsejjaħ "Christmas Hill".

Meta mar jaraha, is-sinjur tbaqbaq bi sħiħ għax lemaħ pittura kbiramaqsuma fi tnejn......... fin-naħa l-waħda xena ta'ikla mimlija b'kull xorta ta' ġid, u fin-naħa l-oħra grotta vojta.

"Dan hu l-Milied tiegħek...... ikla tajba, imma spiritwalment vojta!", qallu l-pittur.

Jalla l-Milied li ġej, tfal, ikun għalikom ukoll wieħed mimli b'kull ma huwa qaddis u spiritwali!

Sa ma nerġgħu niltaqgħu nixtieqilkom ilkoll kemm intom Milied ħieni u qaddis u Sena Ġdida b'kull ġid u barkA mis-Sema.

Tata'

Iz-Ziju Peppi.

jaqbad minn paġna 3

# "CHORUS URBANUS"

## Għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu

Barra l-funzjonijiet liturġiċi, il-Kor kanta u ħa sehem f'bosta attivitajiet oħra profani u ċivili, fosthom akkademji, kunċerti, festivals, festi speċjali, inawgurazzjonijiet, opri u attivitajiet filantropiċi. Ta' min isemmi l-kunċert li ta fl-Imġarr Hotel (25.09.94) waqt iż-żjara f'Għawdex tal-Ministri tal-Finanzi tal-Commonwealth. F'din l-okkażżjoni issieħbu mal-Kor it-Tenur Tsutomu Omae, il-Baxx Noel Galea. Parteċipazzjoni oħra li fihom ħa sehem il-Kor ta' min isemmi huma meta l-Papa żar Għawdex (26.05.90). Il-membri kollha ħadu sehem fil-Kor ġgantesk waqt il-Konċelebrazzjoni f'ta' Pinu. Il-Kor ippreżenta wkoll Serata ta' kant (05.09.90) u Feature dwar il-Passjoni ta' Ġesu' Kristu (11.04.92) fis-Sala ta' l-Esibizzjonijiet. Fiż-żewġ okkażżjonijiet ħadu sehem ukoll is-Sopran Yvonne Galea u l-Baxx Noel Galea.

Il-Kor kien imsejjaħ jipprovdi l-kant kollu waqt iċ-Ċerimonja tat-Tfakkira ta' l-Arċisqof Pietru Pace, li saret il-Belt Victoria (22.09.94). Il-Kor kie mistieden ukoll mill-Moviment ta' Kana biex jieħu sehem f'Konċelebrazzjoni li saret għad-Delegati tal-International Confederation of Christian Family Movements li kienu qed jieħdu sehem fir-Raba' Assemblea Mondjali tal-Familja li saret f'Malta (01.09.95). Attivita' oħra importanti hija dik meta fit-30 ta' Lulju 1993, il-Kor ħa sehem fl-esekuzzjoni tal-Poema Sinfonika "Il-Ġgantija" ta' Ġorġ Pisani, kompożizzjoni mużikali ta' Mro. John Galea. F'din is-serata li saret fil-beraħ tal-Pjazza San Ġorġ din il-kompożizzjoni kienet qed tinstema' għall-ewwel darba f'pajjiżna. Ħadet sehem l-Orkestra tat-Teatru Manoel bil-parteċipazzjoni tas-Sopran Yvonne Galea u l-Bazz Noel Galea.

Fil-ħajja tiegħu l-Kor għadda minn tlett idejn li kollha stinkaw biex jagħmlu minnu kor tajjeb, dixxiplinat u li bil-kant tiegħu jpaxxi u jagħti gost. L-ewwel Direttur kien Dun Ġużepp Gauci, sacerdot minn din il-parroċċa li mill-ewwel fehem il-bżonn u l-ħtieġa ta' dan il-or. Taħt id-Direzzjoni tiegħu, l-Kor ra t-twelid tiegħu, l-ewwel dehra tiegħu f'Malta u anke barra minn pajjiżna, fl-Italja.

F'Novembru tas-sena 1978, Dun Ġużepp Gauci reħa t-treġija tal-Kor u r-responsabbilta' waqgħet fuq is-Sur Joseph Bezzina. Bezzina, xejn anqas mid-Direttur ta' qablu stinka sabiex il-Kor iżomm fuq saqajh u jissaħħaħ. Taħt id-Direzzjoni tiegħu, l-Kor ħa sehem f'Akkademji u serati oħra. Il-Kor deher ukoll għall-ewel darba fuq it-T.V. ta' Malta waqt Programm tal-Ġimgħa Imqaddsa.

Fis-sena 1980 il-Kor, għal darba oħra, reġa biddel id-Direttur tiegħu. Din id-darba t-treġija ġiet f'idejn Mro. John Galea, għalkemm is-Sur Joseph Bezzina baqa' b'konnessjoni diretta mal-Kor. Taht Mro Galea il-Kor kompla fit-triq tal-progress, kompla jissaħħaħ u beda jindaħal għal xogħolijiet aktar diffiċli u elaborati. Beda jgawdi ċerta reputazzjoni tant li bosta bdew jitolbu s-servizz tiegħu f'okkażżjonijiet kemm ta' ferħ kif ukoll ta' niket. Preżentement Mro. Galea għandu l-għajnuna ta' Joseph Cauchi, Mario Galea u anke Sunny Galea.

Bosta kienu l-membri li ngħaqdu mal-Kor, xi wħud ukoll barra mill-Parroċċa u mill-irħula Għawdxin. Bosta telqu u posthom ħaduh oħrajn. Mill-ewwel membri għad baqa' biss erba' li għadhom attivi u mpenjati. Fi okkażżjonijiet ingħaqdu mal-Kor xi frustieri li kienu għal xi żmien f'għawdex. Il-Kor għadu jaqdi l-funzjonijiet li għalihom twaqqaf, jiġifieri li jagħti s-servizz fil-Bażilika.

Il-Kor bil-kant tiegħu sar sinonimu mal-Bażilika tagħna u jgawdi rispett u stima mill-bosta entijiet li jqabbduh jagħti s-servizzi tiegħu ta' kant f'funzjonijiet u okkażżjonijiet li jkollhom. Is-sehem tiegħu kien konsistenti matul dawn l-għoxrin sena. J'alla l-għan li għalih twaqqaf jibqa' jistimola lid-Diriġenti u l-Membri tiegħu biex ikomplu jagħtu s-servizz tant mixtieq u apprezzat.

# KUNCERT MILL-BANDA CITTADINA LA STELLA F'GIEH JOSEPH VELLA

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Novembru 1995, is-Soċjeta` Filarmonika La Stella onorat lil Joseph Vella b'Kunċert mill-Banda Ċittadina La Stella li tagħha ilu s-Surmast Direttur għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Il-Kunċert sar fis-sala prestiġjuża tat-Teatru Astra li akkwistat isem u prestiġju għall-opri grandjużi u ta' l-ogħla livell li saru fiha, mertu fuq kollox tad-direzzjoni stupenda ta' Joseph Vella.

Il-Banda Cittadina La Stella, li tgawdi isem tajjeb ħafna fil-qasam bandistiku ta' pajjiżna, dejjem kellha surmastrijiet ta' ħila, kapaċita` u dedikazzjoni. Żgur li kulħadd jaqbel li dawn il-kwalitajiet u oħrajn magħhom jinsabu fil-milja tagħhom fis-Surmast Joseph Vella, tant li llum Mro Vella għandu isem bħala kompożitur-direttur mhux biss f'pajjiżna iżda 'l barra minn xtutna. Hu unur kbir għas-Soċjeta` li hi mżejna b'surmast ta' dan il-kalibru; surmast li hu wild l-istess Soċjeta` li fiha trawwam għad-dell ta' missieru, Ġanni Vella, ex-surmast ta' l-istess Banda. Ċertament li d-direzzjoni tas-Soċjeta` wriet għaqal u dehen kbir meta ħatret lil Joseph Vella bħala surmast-direttur tagħha; kien jum li fuqu x-xemx ma niżlitx, u j'Alla ddum ma tinżel.

Il-Kuncert kien jinkludi xogħlijiet ta' Vella, Verdi u Moss. Joseph Vella, minbarra li hu direttur, hu wkoll kompozitur ta' klassi. Ix-xogħolijiet tiegħu huma varji u wħud minnhom ġew rekordjati fuq compact disks. Il-Banda daqqet tlett kompożizzjonijiet tiegħu: *Preludio, Jubilo u Three Mood Pieces.* Il-Banda wriet il-kapaċita` teknika tagħha speċjalment bil-mod preċiż li bih daqqet is-sistemi ritmiċi kumplessi u d-dinamika tal-kuluri mużikali. Ċertament l-Banda kienet haġa waħda mas-Surmast tagħha, li għandu ħakma sħiħa u komunikattiva ċara, b'mod li l-ġesti tiegħu jwasslu dritt għall-effett mixtieq. Ta' min jgħid li s-silta *Jubilo,* li hi komposta fuq stil ta' *Overture,* kienet ivvutata bħala l-aħjar kompożizzjoni għall-Banda f'kompetizzjoni internazzjonali li fiha ħadu sehem 'l fuq minn 100 parteċpant, imnedija f'Canicattini Bagni fl-1989.

Silta ferm popolari kienet selection ta' l-isbaħ melodiji meħuda mill-opra La Traviata ta' Giuseppe Verdi. F'din is-silta l-Banda ħarġet tajjeb ferm s-sentimenti li huma espressi fis-sbuħija tal-mużika Verdjana. Spikkaw g hall-kapaċita` teknika u l-ħila interpretativa s-solista bravi tal-Banda, Mario Galea (Klarinett), Mario Mizzi (Pistonin), Mark Schembri (Aslthorn) u Anton Sacco (Euphonium). Id-debut ta' George Camilleri bħala u solist kien straordinarju. Dan iż-żgħażugħ mużiċist jipprometti ħafna u l-mod liberu u perfett li bih interpreta s-silta xejn faċlita' Henry Moss, miktuba għal Euphonium solo bl-akkumpanjament tal-Banda, kien ta' unur kbir għalih u għall-Banda.

Kienu tassew f'posthom il-kummenti kommoventi tas-Surmast Vella meta stqarr li l-livell għoli tal-Banda u tas-solisti fil-preżent jawgura tajjeb ferm għall-futur, li żgur se jkompli jżid il-glorja li l-Banda La Stella ilha tgawdi.

Lejn tmiem il-programm, Dr Joseph Ellis u s-Sur Joseph Borg, President u Segretarju tas-Soċjeta, ippreżentaw pittura, xogħol tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi, u bakketta tal-fidda, maħduma minn Louis Carabott, fuq disinn ta' Joseph Sagona, lis-Surmast Joseph Vella, bħala tifkira ta' l-okkażjoni sabiħa u turija ta' l-apprezzament tas-Soċjeta sħiħa u tal-Banda nnifisha għall-ħidma stupenda li wettaq fi ħdanha.

Wara l-Kunċert, il-mistednin speċjali, bandisti u l-familjari tagħhom kienu mistiedna għal Riċeviment fis-Sala Giuseppe Giardini Vella, fl-istess Kumpless ta' l-Astra.

Is-serata, li saret taħt il-ħarsien tal-Ministru għal Għawdex Anton Tabone, kienet immexxija minn Charles Arrigo.

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA' PARROKKJALI

01.10.95: **DANIEL,** iben Deorge Aquilina u Maria nee' Calleja
20.10.95: **CASSIE,** bint Richard Grech u Ceri' nee Attwater
12.11.95: **CHRISTIAN,** iben Mario Farrugia u Lena nee' Cini
12.11.95: **DAVID,** iben Mario Vassallo u Carol nee' Borg
19.11.95: **NICOLA,** bint Kurt Galea Pace u Gloria nee' Zarb Cousin

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

29.09.95: CARMELO GRIMA 29.10.95: MICHAEL MERCIECA
24.10.95: DOLORA BEZZINA 07.11.95: GODWIN FARRUGIA

## NIRRINGRAZZJAWHOM TA' L-OFFERTA TAGĦHOM B'RISQ IR-RIVISTA

Fr. Joseph Grech (USA): 30 US $, C.Galea:Lm 5, N.N.Lm 4.

***Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li taw l-offerta tagħhom meta qassamna l-Envelopes f'Ottubru li għadda. Inġabret is-somma ta' Lm217. Grazzi ħafna.***

## PELLEGRINAGG GĦAL LOURDES

**AWISSU 1996** – Id-Dati jitħabbru 'l quddiem
***Dettalji min għand l-Arċiptiet***

## STRUMENT GDID LILL-BANDA LA STELLA



Żewġ partitarji tas-Soċjeta` Filarmonika La Stella, is-sinjuir Joseph Attard u Paul Zammit, f'isem id-ditta A & Z Ltd., dan l-aħħar irregalaw katuba ġdida lill-Banda. Il-preżentazzjoni saret lil Dr Joseph Ellis u s-Sur Joseph Borg, President u Segretarju tas-Soċjeta`, waqt il-Kunċert Mużikali li l-Banda esegwiet nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru f'ġieh Mro, Joseph Vella fl-okkażjoni ta' egħluq il-25 sena tiegħu bħala Surmast Direttur tal-Banda.

F'kelmtejn li għamel, is-Sur Attard qal li kemm hu kif ukoll sieħbu s-Sur Zammit ħassew li għandhom joffru dan l-istrument bħala sinjal ta' rikonoxximent għas-sehem kbir li l-Bnada La Stella tagħti ta' kull sena fil-Festa tal-Qaddis Patrun t'Għawdex, San Ġorġ Megalomartri. Il-President tas-Soċjeta`, Dr. Joseph Ellis irringrazzja lis -Sur Zammit u lis-Sur Attard għal din id-donazzjoni u awgura li partitarji oħra jieħdu l-eżempju tagħhom f'inizzjattivi ta' din ix-xorta.

# TURANDOT

# TRIJONF TA' SPLENDUR TRIJONF TA' PERFEZZJONI

**"Gloria al Vincitore":** hekk isellem il-kor maestuż lil Calaf fit-trijonf tiegħu. Kien tassew trijonf fl-Astra; it-trijonf ta' l-opra lirika. Organiżżazzjoni metikuluża, cast eċċezzjonali, kor stupend, orkestra tajba ħafna, xenarju mpressjonanti, kostumi spettakolari u d-direzzjoni impekkabbli ta' Joseph Vella ma setgħux ma jagħmlux mit-**"Turandot"** suċċess ta' kalibru ferm għoli. L-udjenza distinta u kolta li fgat is-sala spazjuża tat-Teatru Astra f'żewġ serati konsekuttivi, is-Sibt u l-Ħadd 21 u 22 ta' Ottubru 1995 (l-ewwel rappreżentazzjoni taħt il-ħarsien distint tal-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici) uriet l-apprezzament sinċier tagħha b'applawsi twal u entużjasti u qajla riedet tħalli s-sala fl-aħħar tar-rappreżentazzjonijiet! U bir-raġun! Opra bħal din qabżet kull livell ta' opri grandjużi oħra mtella' fl-Astra: dan kien l-kumment fuq fomm kulħadd.

Il-Management tat-Teatru Astra, li ma hux ġdid għal rappresen-tazzjonijiet ta' kwalita' ta' opri liriċi, qabbad artisti ta' l-iprem kwalita' sabiex ikun assigurat livell eċċezzjonali. Ir-riżultat kien innu ta' glorja lill-isforzi ta' dan il-Management ħabrieki u bil-għaqal. **Grazia Maria Passigli** (Turandot) uriet kapaċita' tremenda fl-interpretazzjoni ta' din l-agħar u l-akbar parti diffiċli li qatt kiteb Puccini għas-Sopran. B'timbru drammatiku mill-aqwa, preżenza xenika imperjali, u kapaċita' interpretattiva tajba ħafna, **Passigli** ħarġet b'eżekuzzjoni li mhux biss tagħmel unur lilha iżda kienet tagħmel unur lill-aqwa interpretatriċi li qatt kantaw il-parti.

**Aurelio Santolena** (Calaf) qabel magħha perfettament. Kull min kien fit-Teatru kellu xortih tajba li seta' jgawdi tenur bħal dan. Il-vuċi sħuna, drammatika, b'akuti sodi u sbieħ, li jippossiedi **Santolena** ftit li xejn għad jeżistu bħalha. Mhux biss il-vuċi tiegħu li tqabblu ma' Mario del Monaco jew ma' Franco Corelli, li tagħmlu speċjali, iżda fuq kollox l-istil ta' kant ta' dan it-Tenur li hu proprju uniku. **Santolena** jkanta b'mod li jfakkrek mill-ewwel ma' l-aqwa kantanti ta' l-imgħoddi. Min jaf ikollnix ix-xorti nerġgħu nisimgħuh ikanta? Wieħed ma jistax ma jsemmix l-eżekuzzjoni maġistrali tar-rumanzi famużi **"Non piangere Liu'"** u **"Nessun Dorma"**. Min kien preżenti jifhem sew x'qiegħed ngħid.

Fit-tarf l-ieħor ta' li spectrum vokali kellna lil **Mikiko Okamoto,** li interpretat b'mod preċiż il-parti ferm delikata, ta' ħlewwa kbira u ta' finezza li Puccini kien tant imsemmi għaliha. **Okamoto** kienet Liu' "in persona". Il-pubbliku affezzjona ħafna ruħu magħha u tassew kien jixirqilha għax qaxxret il-parti tagħha f'kull aspett. **Shigeo Okamoto, Alessandro Maffucci u Yojiro Oyama** (Ping, Pong, u Pang) kienu eżatti f'kollox. Dawn għenu mhux ftit biex inisslu dak is-sens ta' inkejja fina u krudelta' li huma kwalitajiet essenzjali fil-karattru ta' Turandot. Kienu tassew l-esternċizzjoni fil-karattru ta' Turandot: trid tħobb u tibża fl-istess waqt. Ping, Pong u Pang kieneu perfetti f'kollox. **Anthony Montebello** ħareġ tajjeb ferm il-parti ta' Timur, parti li titlob vuċi estiża, soda, b'espressivita' u dinjita'. **Joe Huber** fil-parti ta' Mandarino kien preċiż u eleganti kif imdorrijin nisimgħuh.

Fit-Turandot, il-**Kor** hu protagonist. Fil-każ ta' l-Astra, l-Kor ta' l-Opra li tant qala' tifħir u apprezzament fl-opri preċedenti, din id-darba mar 'l hemm mill-aqwa eżekuzzjoni li qatt ta fil-passat, (Ta' min isemmi l-Aida, La Forza del Destino, Nabucco....) Il-Kor, li kien ippreparat bħas-soltu minn **Maria Frendo** , wera x'kapaċi jsir meta l-affarijiet jittieħdu bis-serjeta' u bi professjonalita'. Kull min jifhem fl-Opri jaf x'diffultajiet u komplessitajiet mhux komuni hemm fil-parti tal-kor. Il-Kor mhux biss kien preċiż u puntwali f'kollox, iżda ukoll ħadem tajjeb il-parti b'ġesti li ġibdu l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Il-kumment kien li difiċli temmen li dan il-kor ma hux magħmul minn professjonisti tal-prima kwalita'. Laqat fuq kollox it-timbru ferm sabiħ u eleganti tal-kor fiħ innifsu kif ukoll fis-sezzjonijiet singoli. Mhux ta' b'xejn li l-pubbliku joħnoq is-sala meta jaf li se jgawdi u jisma' kor bħal dan. ta' min isemmi l-kor tat-tfal li seraq qalb kulħadd għall-grazzja u l-preċiżjoni tal-kant. Futur kbir hemm fil-Kor ta' l-Astra.

**L-Orchestra Filarmonica di Firenze** li kienet taħt id-direzzjoni maġistrali ta' **Joseph Vella** u leader **Mario Bisazza** tat interpretazzjoni meraviljuża. Kwalita' eċċezzjonali ta' ħoss li joħorġok 'l barra minn xtutna u jambjentak fl-aqwa swali ta' l-opra. Il-ħidma ta' **Joseph Vella** fit-Teatru Astra u speċjalment mal-Banda Cittadina **La Stella,** li issa daħlet fil-25 sena tagħha, tat frott li ħaddieħor jixtieqU jista'. Unur kbir li tkun imżejjen b'surmast bħalma hu **Joseph Vella.** Unur akbar għal min kien għaraf it-talenti tiegħu u rabtu mas-***Soċjeta' La Stella. Ad multos Annos!***

Jekk ħareġ bl-unuri kollha l-Management, ħareġ żgur b'unuri speċjali li għaraf jikseb is-servizzi tad-deheb ta' din l-orkestra ta' stil kbir u eleganza. Ta' min isemmi d-Direttur Artistiku **Ottavio Terreni,** li hu l-konsulent artistiku tat-Teatru Astra fl-Italja, li flimkien ma' **Manwel Grima u Francesca Maffucci** ħoloq moviment stupend b'ġesti u reċtar li għollew ferm 'l fuq ir-rappreżentazzjoni.

L-atmosfera tal-palk kienet stupenda u spettakulari. Dan kien dovut għall-kapaċita' ta l-artisti żgħażagħ **Mark Sagona u Austin Camilleri** u l-ħidma indispensabbli ta' **Carmelo Zammit.** Il-kostumi ta' l-aqwa livell kienu xogħol u kreazzjoni ta' **Ġorġ Farrugia u Manwel Grima.** Wieħed ma jistax ma jsemmix l-ħidma professjonali u voluntiera tal-ħajjata ta' l-Astra taħt il-ko-ordinazzjoni ta' **Doris Farrugia.**

Tassew kien hemm gost, u gost kbir. Is-sens ta' sodisfazzjoni kien fuq wiċċ kulħadd: pubbliku, solisti, kor, komparsi, il-crew tal-palk, iżda fuq kollox il-membri tal-kumitat li jekk qabel ħarġu bl-unuri, din id-darba ittrijonfaw. Tassew **"GLORIA AL VINCITORE",** innu ta' glorja li kien jixraq għall-inizjattiva ta' trijonf straordinarju. ***"ALLA PROSSIMA!"*** ■

